# Is-Sliem

Novembru 2007 Nru. 218



**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali: "Villa San Filep", Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02


*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

# Minn Komunità Fragmentata għal Komunità MAGĦQUDA!!




**ASSEMBLEI PARROKKJALI: riżultat tas-<u>Sinodu</u> Djoċesan.... Il-kelma "SINODU" tfisser li "<u>nies, ġejjin minn toroq differenti, jiltaqgħu u jimxu FLIMKIEN f'direzzjoni WAĦDA!</u>"**

Wasalna biex nerġgħu nagħmlu Assemblea Parrokkjali oħra. Assemblea li tgħinna nevalwaw ftit il-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet u nippjanaw għas-sena li ġejja. L-Assemblea Parrokkjali, jekk ma sservi għal xejn, isservi biex toħloq spazju fi ħdan il-parroċċa fejn **kulħadd** ikun jista' jressaq il-proposti tiegħu/tagħha; proposti li nkunu nistgħu nikkunsidrawhom bħala parti mill-ħidma tal-parroċċa!

> **"Irridu nirbħu lilna nfusna u nagħmlu sforz ġenwin biex naħdmu FLIMKIEN għall-ġid tal-komunità nisranija!"**

Huwa aktar minn żgur li, suġġett li rridu nindirizzaw sew, huwa dak tal-fragmentazzjonijiet tal-ħidma tagħna. Il-fragmentazzjoni (fil-ħidma tagħna) iġġib magħha ħafna ħela ta' enerġija u wkoll ta' riżorsi! Irridu nirbħu lilna nfusna u nagħmlu sforz ġenwin biex naħdmu **flimkien** għall-ġid tal-komunità nisranija!

Inizjattivi sporadiċi (ta' kultant, ta' darba 'l hawn u 'l hemm), inizjattivi aljenati mid-direzzjoni tal-parroċċa, ma jibnux il-komunità! Nista' nifhem id-diffikultà li individwu jaħdem/taħdem ma' ħaddieħor; iżda rridu nagħmlu sforz ġenwin biex nirbħu lilna nfusna għall-Ġid Komuni tal-Parroċċa (il-Komunità) tagħna! <u>Aħjar torganizza xi ħaġa inqas perfetta **ma' oħrajn**, milli xi ħaġa iktar perfetta **waħdek**</u>!!

<u>L-appel tiegħi, huwa dan</u>: **ejjew, ilkoll flimkien, naraw x'inhuma l-bżonnijiet pastorali tal-parroċċa, biex flimkien naslu għal ħidma iktar ikkoordinata, magħqudin f'għan wieħed, li hu: FI KRISTU GĦAS-SERVIZZ TAL-BNIEDEM!!!**
Il-Mulej Iberikkom!

*Fr. Daniel Cardona,*
**Arċpriet.**

**ASSEMBLEA PARROKKJALI**

**"Flimkien fi Kristu għas-Servizz tal-Bniedem"**

NHAR IL-ĠIMGĦA, 16 TA' NOVEMBRU 2007,
fis-SALA PARROKKJALI "DUN MIKIEL XERRI",
mis-6.45pm 'il quddiem.
**(N.B.: Dakinhar, il-quddiesa fil-Knisja Arċipretali, issir fis-6.00pm)**

**<u>HUWA DMIRNA LKOLL LI NATTENDU!!</u>**

# L-ASSEMBLEA PARROKKJALI

**– minn Dr. PHILIP SCIORTINO MD MSc MRCGP,**
President KUNSILL PARROKKJALI, Ħaż-Żebbuġ

L-"Assemblea Parrokkjali" hija frażi oħra għal-Laqgħa Ġenerali li kull soċjetà statutorja tagħmel perjodikament. Kull sena, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien ma' l-Arċipriet, jorganizza din il-laqgħa, li tkun miftuħa għall-parruċċani kollha, imma l-aktar għal dawk li jkunu wettqu xi ħidma, kif ukoll għal dawk li jixtiequ jaħdmu fil-parroċċa.

F'din Assemblea, inħarsu, qabelxejn, lejn il-ħidma mwettqa fl-aħħar sena, fid-dawl tal-Pjan Pastorali tal-Parroċċa. Nifirħu lil xulxin, kif huwa xieraq, għal dak li fassalna u lħaqna, filwaqt li nħarsu lejn l-oqsma fejn stajna morna aħjar. Il-Kummissjoni Parrokkjali "Implementazzjoni tas-Sinodu" tanalizza sewwa dan kollu.

Il-Kunsill Pastorali u l- Arċipriet jixtiequ li f'din l-Assemblea tinstema' l-vuċi ta' kulħadd, l-aktar ta' dawk li għandhom l-opinjoni tagħhom fuq kif sejrin l-affarijiet, u lesti jilqgħu kull kritika kostruttiva, fi spirtu demokratiku.

Matul is-sena, madwar 600 mitt ruħ jagħtu sehemhom u ħidmiethom, b'xi mod jew ieħor, fil-Parroċċa: min impenjat f'xi għaqda, u min fil-Festa jew xi tradizzjoni. Kull ħidma, iżda, m'għandhiex tisfa ta' aljenazzjoni!! Jekk ma nżommux quddiem għajnejna l-għan aħħari, ma naslux! Dan huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' l-Assemblea Parrokkjali!

Il-Parroċċa qiegħda wkoll tinbidel jew tikber! L-età medja tal-popolazzjoni qiegħda tiżdied; għalhekk, filwaqt li ma nistgħux ninsew liż-żagħżagħ, wasal iż-żmien li nħarsu aktar lejn il-ħidma pastorali fost l-anzjani – qasam li, fil-parroċċa tagħna, qatt ma naqas li jkun hemm xi attività għaddejja fih.

Is-Sinodu Djoċesan għadu jixħet dawl ġdid fuq il-ħidma meħtieġa biex il-Kelma t'Alla tingħata l-ħajja. Fil-Parroċċa qegħdin naraw tibdil f'din id-direzzjoni. Ħafna mill-quddies ta' tmiem il-ġimgħa huwa orjentat lejn gosti u etajiet diversi. Reġgħu ssaħħu ż-żjajjar fid-djar, fejn is-saċerdoti qegħdin jiltaqgħu mal-familji. Il-poplu Żebbuġi laqa' bil-ferħ din l-inizjattiva u, fuq l-inkoraġġiment li rċevejna, sejrin jiżdiedu.

U, b'dan l-istess għan ta' rispett lejn id-diversità, il-Parroċċa fetħet ċentru għall-persuni b'diżabbiltà, li għandu jservi ta' *respite* (bil-Malti, għandu jwieżen) lil dawn il-persuni u l-familji tagħhom. Meta jinstabu r-riżorsi, fil-benniena tal-Parroċċa tiżdied l-aċċessibilità u l-għajnuna tingħata minn persuni li jkunu jafu l-ħtiġiet tal-persuna b'diżabbiltà u l-familja tagħha.

Jinħass interess kbir fir-restawr tal-Knisja. Din is-sena nbdew żewġ proġetti ta' natura sostanzjali: dak tad-damask u ż-żebgħa tas-saqaf. Jinħtieg ukoll li jiżdied l-interess fl-involviment li wieħed jagħti l-ħin tiegħu. Kemm huwa diffiċli, dan, fiż-żmien tal-lum! Aħjar titlef ħames liri minn siegħa xogħol! Il-ħidma fil-Parroċċja fiha l-ġid u s-sodisfazzjon tagħha, ukoll, speċjalment lil min jagħti ħinu. Jinbet fik dak is-sens ta' komunità, li ma ssibu mkien aktar, bħalma ma ssib imkien aħjar mid-dar tiegħek.

Nappellalek, għalhekk, biex int wkoll tinteressa ruħek u tingħaqad magħna fis-Sala Parrokkjali għal din l-Assemblea Parrokkjali!



**JOSEF FELICE**
*Funeral Services*
SERVIZZ 24 SIEGĦA KULJUM
*"Casa Felice"*,
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.
Nru. tat-tel.: 2146 6599
*Mobile*: 9945 6733

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

# IL-PROPOSTI GĦALL-ASSEMBLEA PARROKKJALI TA' DIN IS-SENA

**— minn Tony Caruana,** *Chairperson* Kumm. Parr.

*"Implementazzjoni tas-Sinodu"*

Bħalissa ninsabu f'nofs perjodu ta' sentejn li fih id-Djoċesi ta' Malta qiegħda taħdem sabiex fi Kristu tkun ta' servizz għall-bniedem. Dan irid jissarraf fi proposti konkreti ta' ħidma f'kull parroċċa ġewwa Malta. Għalhekk, wara konsultazzjoni mad-diversi għaqdiet u kummissjonijiet fi ħdan il-parroċċa tagħna, il-Kummissjoni "Implementazzjoni tas-Sinodu" qiegħda tressaq dawn il-proposti ta' ħidma għas-sena liturġika li ġejja. Dawn il-proposti se niddiskutuhom fl-Assemblea Parrokkjali. Kulħadd hu mistieden li jagħti l-opinjoni tiegħu fuq dawn il-proposti, kif ukoll iressaq proposti oħrajn ta' ħidma.

1. **Komunità li tinbena fil-formazzjoni u tevanġelizza:**

- Isiru korsijiet ta' formazzjoni li jkunu mmirati kemm għall-operaturi pastorali, kif ukoll għaż-Żebbuġin kollha. Hu ppjanat li jsiru 2/3 korsijiet tul is-sena b'temi differenti.
- Inkomplu nsegwu lit-tfal li jkunu għamlu l-Griżma ta' l-Isqof, sabiex naraw jekk ir-riforma li ntroduċejna xi snin ilu hix qiegħda tħalli frott.
- Nistudjaw il-possibiltà li koppji li jattendu l-kors ta' Kana bħala preparazzjoni għaż-żwieġ, ikomplu jiltaqgħu fi gruppi żgħar wara li jispiċċa l-kors.

2. **Kommunità li tissaħħaħ fil-komunjoni u fi djalogu, fi ħdanha u mas-soċjetà:**

- Jissaħħu l-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti fil-parroċċa, fosthom il-fuljett parrokkjali, in-*notice boards* u l-*billboard*.
- Tissaħħaħ il-*website* tal-parroċċa, sabiex din tkun għodda siewja ta' komunikazzjoni u informazzjoni.
- Jinħareġ il-fuljett b'informazzjoni fuq il-ħajja parrokkjali f'Ħaż-Żebbuġ u informazzjoni fuq id-diversi għaqdiet u kummissjonijiet fi ħdan il-parroċċa.
- *Home visits* mill-kleru tul is-sena kollha (b'waqfa fix-xhur tas-sajf, minħabba li numru kbir ta' familji jkunu villeġġjatura jew f'vaganzi), skond id-diversi żoni tal-parroċċa.
- Nerġgħu norganizzaw il-laqgħat fil-każini.

3. **Komunità li taqdi u tmexxi 'l quddiem is-solidarjetà ma' l-emarġinati:**

- Isir *survey* ma' madwar 400 familja, sabiex tinġabar aktar informazzjoni fuq il-problemi tal-familji Żebbuġin.
- Tingħata aktar attenzjoni lir-romol, sabiex naraw xi bżonnijiet għandhom u biex inħajru li jkollna aktar membri fl-għaqda tar-romol fi ħdan il-parroċċa.
- Wara l-ftuħ taċ-ċentru għall-persuni b'diżabbiltà, isir pjan ta' azzjoni sabiex jitħarrġu voluntiera f'dan il-qasam, kif ukoll jibdew isiru numru ta' attivitajiet.

4. **Komunità li tiċċelebra b'mod ħaj:**

- Terġa' titwaqqaf mill-ġdid il-Kummissjoni "Liturġija".
- Tingħata attenzjoni partikolari għall-organizzazzjoni tal-festi liturġiċi ta' matul is-sena, kif ukoll għall-adorazzjonijiet ta' kull nhar ta' Ħamis.
- Nibnu arkivju pastorali, għall-attivitijiet msemmijin hawn fuq, b'materjal varjat kemm jista' jkun.
- Tingħata attenzjoni partikolari lill-abbatini, sabiex tinħoloq struttura fejn dawn jirċievu formazzjoni tajba u fl-istess ħin huma jtejbu s-servizz li jagħtu fil-festi liturġiċi.

5. **Komunità li tagħti attenzjoni partikolari lill-familja u lill-adoloxxenti żgħażagħ:**

- Terġa' titwaqqaf il-Kummissjoni "Familja" fi ħdan il-parroċċa, u jsir pjan ta' ħidma mal-koppji miżżewġin.
- Jissaħħaħ iċ-ċentru "ta' Warda", sabiex iż-żgħażagħ li jattendu fih jkunu jistgħu jirċievu formazzjoni tajba
- Vjaġġ għal *Taize'* għaż-żgħażagħ, forsi b'kollaborazzjoni mal-parroċċi l-oħrajn fl-Unità tagħna.


**ŻEBBUĠ STATIONERS & NEWSAGENTS**

**For All types of Stationery, Greeting Cards, a large selection of Christmas Cards, Christmas Decorations, watches, gifts, Magazines, Toys of all kinds, Bambini, Developing of films and digital printing, colour and black & white photocopying and much more...**

**SEBIO'S STUDIO**

**For Passport Photos, Frames, Albums, Silver gifts, Digital Cameras and accessories, souvenirs, Transfers of movie and video films to DVD and more...**

***Most Credit Cards are accepted and discounts are given all year round.***

**Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ.**
**Tel: 21466076 & 21462545.**

**N.B.: Is-Seminarista Glen Buhagiar, li qatta' s-sajf li għadda jitħarreġ fil-parroċċa tagħna, issa nħatar bħala Djaknu u se jibqa' jservi f'din il-parroċċa. Dan id-Djaknu ġdid bagħtilna dan il-messaġġ. .... Nawgurawlu minn qalbna, nitolbu għalih u nwegħduh l-għajnuna sħiħa tagħna!**



# ISSA DJAKNU.... BIEX NAGĦTI ĦAJTI GĦALL-OĦRAJN!

## — Messaġġ mid-Djaknu GLEN BUHAGIAR

'Kemm hi ħaġa sabiħa li tagħti ħajtek għall-oħrajn!' Dan rajtu mill-esperjenzi varji li kelli matul is-sitt snin bħala seminarista. Dawn l-esperjenzi komplew jimlewni bl-imħabba biex inwieġeb għas-sejħa tal-Mulej Ġesù, li wasslitni biex nieħu l-pass tad-djakonat!

B'dan il-pass jiena qiegħed nilqa' s-sejħa ta' Kristu li nsir nixbaħ iktar lilU, li kien qaddej ta' kulħadd u li ta ħajtU għalina. Fuq l-eżempju ta' Kristu ddeċidejt li niddedika ħajti għall-qadi ta' l-imħabba. Id-dmirijiet tiegħi bħala djaknu ser ikunu, fost l-oħrajn, li nassisti lill-Isqof u lis-saċerdoti fiċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, li nxandar l-Evanġelju u nippridkah, li namministra s-Sagrament tal-Magħmudija, li nassisti għaż-Żwieġ u nbierku f'isem il-Knisja, u mmexxi l-funerali.

Dan il-ministeru tiegħi tad-djakonat ser inkun qiegħed nagħmlu fostkom iż-Żebbuġin. Mill-esperjenza ta' erba' xhur li diġà għaddejt fostkom, indunajt kemm intom għandkom għal qalbkom is-saċerdot! Inħossni kuntent li ħa nkun qiegħed nagħmel parti minn din il-familja kbira Żebbuġija, li laqgħatni mill-ewwel b'idejha miftuħin! Jiena naf li intom ser tkunu ta' għajnuna għalija biex inkun nista' naqdi dan il-ministeru b'imħabba u b'sens ta' qadi.

"Alla, li beda din l-opra tajba fik, iwassalha għat-tmiem," hekk jgħid l-Isqof lil dak li jkun qiegħed jirċievi l-ordinazzjoni tad-djakonat. Jiena konvint li l-grazzja ta' Alla taħdem sewwasew fejn hemm id-dgħajjef! U l-ordinazzjoni tad-djakonat hija grazzja kbira: rigal kbir li Alla tani bla ma jixraqli, anke jekk jien inħossni dgħajjef. Frażi li laqtitni, mir-rit ta' l-ordinazzjoni tad-djakonat, hija: "Ibgħat fuqhom, nitolbuK, Mulej, l-Ispirtu s-Santu, biex iqawwihom bis-seba' Doni tiegħU, ħalli jaqdu bil-fedeltà l-ħidma tal-ministeru tagħhom!". Dan il-kliem imlieni b'kuraġġ biex ningħata kollni kemm jien lil Alla u lill-poplu tiegħU!

Nitlobkom biex matul dan iż-żmien tkomplu titolbu għalija ħalli jkolli qalb mimlija mħabba u ħniena, bħal dik ta' Ġesù, biex inkun tabilħaqq qaddej ta' kulħadd!!

**TWANNY SPITERI**

**Funeral Service**

*24 Hour Service*

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.

Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168

***Professional Make-Up***

**Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ**

***Services include: Evening make-up, Morning make-up,***
***Morning and evening bridal make-up***
*(bridal packages, including beauty treatments, also offered),*
***Fantasy make-up** (including carnival and face painting),*
***Corrective** (camouflage) **make-up, Catwalk make-up, Make up for men***



**Tanya Muscat:**
*INFA Int. diploma & Gold Masters in Make-up*
*INFA Int. diploma & Gold Masters in Beauty Therapy*
**Nri.: tat-tel.: 21465150;**
***mob.*: 99487857**

